StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2011

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Il-Ħames Sena** **ĠEOGRAFIJA (Ġenerali)** **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem: ___________________________________** **Klassi: ______________**

**It-tweġibiet għandhom jinkitbu fuq karta separata.**

**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| *profil tal-ħamrija* | *Soil profile* |
| *kontenut organiku* | *Organic content* |
| *tisħin globali* | *Global warming* |
| *telf jew tagħwir tal-ħamrija* | *Soil erosion* |
| *foresti tropikali milwiema* | *Tropical rainforests* |
| *ġlata* | *frost* |

**Sezzjoni A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'din is-sezzjoni (minn 1 sa 9). It-tweġibiet għandhom ikunu qosra u preċiżi.**

1. Semmi **erba'** fatturi li jispjegaw għaliex postijiet madwar id-dinja għandhom klima differenti. (4)

2. Semmi l-postijiet immarkati bl-ittri A, B u Ċ fuq il-mappa t'hawn taħt. X'tissejjaħ it-tip ta' klima li għandhom il-postijiet immarkati bl-ittri A, B u Ċ? (4)




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Spjega għaliex insibu s-silġ matul is-sena kollha fuq il-quċċata tal-muntanja Kilima
istampa t'hawn taħt) allavoja din tinsab qrib ħafna tal-Ekwatur.



4. a. Għid x'ifissru dawn: **il-profil tal-ħamrija** u **l-kontenut organiku tal-ħamrija.**

   b. Fi ftit kliem spjega kif tifforma l-ħamrija. (4)

5. a. X'nifhmu meta ngħidu t-**tisħin globali**?

   b. Ħafna huma tal-fehma li t-tisħin globali huwa ħtija tal-attivitajiet tal-bniedem. X'qed jikkawża dan it-tisħin globali? (4)

6. Ħafna nies u gvernijiet huma mħassba dwar l-effetti tat-tisħin globali. Semmi **erba'** effetti li t-tisħin globali jista' jħalli fuq id-dinja tagħna. (4)

7. Semmi **erba'** karatteristiċi ewlenin tal-klima li nsibu fid-deżerti sħan tad-dinja. (4)

8. Spjega kif ċerti ħlejjaq jirnexxielhom jgħixu fl-ambjent tad-deżert. (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9. Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Ewropa.

a. Agħti l-ismijiet tal-pajjiżi mmarkati bl-ittri A, B, Ċ u D.

b. Agħti wkoll il-belt kapitali ta' kull pajjiż immarkat bl-ittri A, B, Ċ u D. (8)




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Sezzjoni B**
**Wieġeb 3 mistoqsijiet minn din is-sezzjoni (minn 10 sa 13). It-tweġibiet iridu jkunu de**

10. a. X'nifhmu bil-kelma **telf** jew **tagħwir tal-ħamrija**?

    b. Għalfejn taħseb li ħafna huma tal-fehma li t-tagħwir tal-ħamrija hija problema serja għall-bniedem?

    c. Fejn iseħħ l-aktar dan il-proċess ta' tagħwir tal-ħamrija?

    d. Semmi **tliet** attivitajiet tal-bniedem li jżidu r-rata ta' telf tal-ħamrija.

    e. Spjega x'jista' jsir biex inħarsu jew nikkonservaw il-ħamrija. (20)

11. a. Spjega għaliex fil-**foresti tropikali milwiema** nsibu l-akbar abbundanza ta' pjanti u ħlejjaq fid-dinja.

    b. Spjega għaliex il-veġetazzjoni naturali tal-foresti tropikali hija adattata għall-klima Ekwatorjali.

    c. Bl-għajnuna tat-tpinġija t'hawn taħt, spjega d-dehra tipika ta' foresta tropikali milwiema. (20)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

12. a. Semmi **erba'** postijiet madwar id-dinja li għandhom **klima Mediterranja**.

 b. Għaliex taħseb li dawn il-postijiet għandhom din il-klima?

 c. X'tifhem bil-kelma **nixfa**?

 d. F'liema perjodu tas-sena, postijiet bi klima Mediterranja jkollhom in-nixfa?

 e. Għalfejn taħseb li postijiet bi klima Mediterranja rari jkollhom il-borra u l-ġlata?

 f. Għaliex ix-xtiewi jkunu umdi filwaqt li s-sjuf ikunu xotti f'postijiet bi klima Mediterranja?

 g. Spjega fil-qosor kif matul is-snin il-veġetazzjoni naturali tal-Mediterran inbidlet kawża tal-attivitajiet tal-bniedem.

(20)

13. a. Semmi **erba'** impjiegi differenti li wieħed isib f'lukanda kbira bħal dik li qegħdin naraw fl-istampa ta' hawn taħt.

 b. Barra impjiegi fil-lukandi, semmi **erba'** benefiċċji oħra li l-industrija tat-turiżmu ġġib lill-ekonomija Maltija.

 c. X'impatt soċjali u ambjentali tista' tħalli l-industrija tat-turiżmu fuq pajjiżna?

(20)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers